**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT99/22/MM

Luana Grioli

Vs

Demanuele Photographer

Illum, 17 ta' Jannar 2024

It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-4 ta' Lulju, 2022 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erba mitt ewro (€400) rapprezentanti rifużjoni ta' depożitu mħallas għal servizz ta' fotografija u vidjografija.

L-intimat pprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta. Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tal-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra**

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi flimkien mal-għarus tagħha Manwel Caruana ibbukjat servizzi ta' fotografija u vidjografija mingħand l-intimat għall-prezz ta' elf u mitejn ewro (€1,200). Dawn is-servizzi kellhom jintużaw għat-tieġ tagħhom li kellu jsir fit-28 ta' Mejju 2021. Illi d-depożitu mħallas kien ta' mitejn ewro (€200) għal fotografija u mitejn ewro (€200) għal

vidjografija. Illi minħabba raġunijiet familjari huma kellhom jipposponu t-tieġ u wara minħabba l-COVID-19 kien hemm diffikulta' biex isibu data tajba għal kulħadd. Tgħid li sussegwentement kien sar qbil li minflok jagħti d-depożitu lura, l-intimat jagħti servizz ta' fotografija f'data oħra. Ir-rikorrenti tgħid li l-intimat kellu jagħti s-servizz tiegħu waqt attivita' ġewwa l-Liquid Club fl-14 ta' Mejju 2022 iżda baqa' ma tfaċċax u lanqas wieġeb it-telefon biex jispjega ruħu.

L-intimat irrisponda u spjega li fit-22 ta' Ġunju 2019 r-rikorrenti flimkien mal-għarus tagħha Manwel Caruana daħlet f'żewġ f'kuntratt għas-servizzi ta' fotografija u vidjografija li jammontaw għall-prezz ta' elf u mitejn ewro (€1,200). Dawn is-servizzi kellhom jintużaw għal tieġ li kellu jsir fit-28 ta' Mejju 2021. Illi d-depożitu mħallas kien ta' erba' mitt ewro (€400) u dan kien 'non refundable'. Jgħid li minkejja li ma kienx obbligat jagħti d-depożitu lura, bħala ġest ta' rieda tajba huwa aċċetta li jitrasferixxi d-depożitu mħallas għal attivita' oħra u ċioe' għall-griżma tat-tifel tar-rikorrenti. Jispjega li r-rikorrenti qatt ma nfurmatu bid-data tal-griżma. Illi għar-rigward tal-attivita' fl-14 ta' Mejju 2022, l-intimat jikkonferma li ma marx iżda jispjega li dan kien dovut għal raġuni ta' saħħa serja u f'kull każ dan kien servizz indipendenti mis-servizzi prenotati fit-22 ta' Ġunju 2019 u għalhekk ma kellux jitqies fil-mertu tal-każ.

**Ikkunsidra**

Illi m'huwiex kontestat li oriġinarjament ir-rikorrenti flimkien mal-għarus tagħha Manwel Caruana ibbukjat servizzi ta' fotografija u vidjografija mingħand l-intimat għall-prezz ta' elf u mitejn ewro (€1,200). Dawn is-servizzi kellhom jintużaw għat-tieġ tagħhom li kellu jsir fit-28 ta' Mejju 2021. Illi d-depożitu mħallas kien ta' erba' mitt ewro (€400).

Illi m'huwiex kontestat li d-depożitu mħallas kien 'non-refundable'. ItTribunal jaqra din il-klawsola bħala li tfisser li jekk konsumatur iħassar in-negozju minn jeddu għal xejn b'xejn huwa ma jkunx eliġibbli għar-rifużjoni tad-depożitu. Illi madanakollu t-Tribunal jinnota li m'huwiex kontestat li minkejja li oriġinarjament ir-rikorrenti ħassret is-servizz minħabba raġunijiet familjari, l-intimat jikkonferma li bħala ġest ta' rieda tajba kien offra li jitrasferixxi d-depożitu għal servizz ieħor. Filwaqt li tali konferma ingħatat volontarjament mill-intimat, ladarba ingħatat din issir legalment vinkolanti fuq in-negozjant.

Illi l-kontendenti ma jaqblux fuq is-servizz li kellu jingħata. Ir-rikorrenti tgħid li l-intimat kellu kellu jagħti s-servizz tiegħu waqt attivita' ġewwa l-Liquid Club fl-14 ta' Mejju 2022 iżda baqa' ma tfaċċax u lanqas wieġeb it-telefon biex jispjega ruħu. Ir-rikorrenti tgħid li għal darba oħra talabhom li joffri s-servizzi tiegħu f'attivita oħra u ġiet proposta l-griża tat-tifel tar-rikorrenti, iżda din id-darba ma qisitux bħala affidabli għal attivita daqstant importanti u r-rikorrenti ma laqatx din l-offerta. Minn naħa l-oħra l-intimat jikkonferma li ma marx għall-attivita' tal-14 ta' Mejju 2022, iżda jispjega li dan kien dovut għal raġuni ta' saħħa serja u f'kull każ dan kien servizz indipendenti mis-servizzi prenotati fit-22 ta' Ġunju 2019 u għalhekk ma kellux jitqies fil-mertu tal-każ. L-intimat isostni li s-servizz li kellu jingħata kien waqt il-griżma tat-tifel tar-rikorrenti u jgħid li r-rikorrenti qatt ma nfurmatu bid-data tal-griżma.

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jidhirlu li hi plawsibbli u verosimili l-versjoni tar-rikorrenti li l-partijiet kienu qablu li l-intimat kellu jipprovdi s-servizzi tiegħu fl-attivita' tal-14 ta' Mejju 2022, iżda naqas li jattendi. Illi minkejja li kellu kull opportunita' li jippreżenta evidenza in

sostenn tad-difiża tiegħu, l-intimat naqas li jissostanzja l-istqarrija tiegħu li marx għall-attivita' tal-14 ta' Mejju 2022 għal raġuni ta' saħħa serja. Illi t-Tribunal jinnota li din il-linja difensorjali tqajjmet ferm wara l-attivita' tal-14 ta' Mejju 2022.

Illi t-Tribunal jinnota li l-intimat jenfasizza li huwa sofra preġudizzju u tilef il-flus minħabba li r-rikorrenti ikkanċellat is-servizz li bbukjat f'Ġunju 2019. Jgħid li minkejja li kienet qaltlu li t-tieġ ġie kanċellat, fil-fatt dan ma kienx il-każ u jippreżenta evidenza ossia ritratti li juru li r-rikorrenti kienet fil-fatt iżżewġet f'data oħra futura u użat is-servizzi ta' terza persuna. Illi bid-dovut rispett, dawn ir-ritratti juru li r-rikorrenti iżżewġet iżda ma jagħmlux prova li fid-data meta r-rikorrenti kkanċellat is-servizz hija kienet determinata u deċiża li tipposponi u mhux li tikanċella. Huwa possibli li f'dak iż-żmien it-tieġ ġie kanellat u l-ħsieb reġa rxota wara. Ċirkostanza ma teskludix l-oħra. Illi fuq kollox minkejja li t-Tribunal jista' jifhem li l-intimat ikun xi ftit jew wisq urtat b'dan l-iżvilupp, sfortunatament, legalment m'għandux raġun. L-intimat volontarjament, bħala ġest ta' rieda tajba kien offra li jitrasferixxi d-depożitu għal servizz ieħor. Filwaqt li tali konferma ingħatat volontarjament mill-intimat, ladarba ingħatat din issir legalment vinkolanti fuq in-negozjant. Illi l-intimat kellu kull dritt li jistipula t-termini u kundizzjonijiet ġodda per eżempju jorbot it-trasferiment tad-depożitu ma' l-istess tip ta' attivita' jew għall-istess valur. Ġjaladarba m'għamilx dan, ir-rikorrenti kellha kull dritt li tagħżel l-attivita' hi u ma baqatx' marbuta li jekk fil-futur tkun ser tiżewweġ, hija tagħmel użu mis-servizzi tal-intimat matul tali tieġ.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal iħoss li l-intimat naqas li jipprovdi s-servizzi tiegħu matul l-attivita' tal-14 ta' Mejju 2022, minkejja li fuq bilanċ ta' probabbilita,' l-provi juri li l-partijiet kienu qablu fuq din id-data.

Għalhekk fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrenti rnexxila tipprova l-kawża tagħha sal-grad li trid il-liġi u għalhekk se jaċċetta bħala leġittimu u ġustifikat l-ilment tar-rikorrenti.

DECIDE

Għal motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat jirrifondi s-somma ta' erba' mitt ewro (€400) rappreżentanti depożitu mħallas għas-servizzi ta' fotografija u vidjografija bl-ispejjez kontra l-intimat.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru